**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Martin Debrincat iben Joseph u Christina nee Cauchi li joqghod 86, Pjazza taz-Zjara tal-Madonna, Gharb, Ghawdex.**
**Karta ta' l-identita' numru 94847(G)**

Illum 24 ta' April 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli f'Ghawdex, matul dawn l-ahhar snin, ghamel xoghol ta' bini f'post maghruf il-Hofra tal-Berwin, fid-Dwejra, Ghawdex wara li l-applikazzjoni ghall-permess tal-bini kien gie rifjutat mill-awtoritajiet kompetenti u wara li fid-29 ta' Marzu 1989 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) sabitu hati talli ghamel xoghol ta' bini f'post maghruf il-Hofra tal-Berwin, Dwejra, Ghawdex meta l-applikazzjoni ghall-permess tal-bini kienet giet rifjutata mill-P.A.P.B. u wara li rat l-Artikolu 17(1)(3)(7) u 18 tal-Kap. 10, ikkundannatu hamsin lira Maltin (Lm50) multa u ordnatlu li l-bini in kwistjoni jigi mwaqqgha fi zmien xahrejn minn dik id-data taht penali (multa) ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) kuljum, liema sentenza giet ikkonfermata fil-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-Appell Numru 74/89 Seduta XVIII fit-30 ta' Ottubru, 1991, b'dan li t-terminu ta' xahrejn ghat-twaqqih tal-bini kellu jibda jiddikorri minn dik id-data tat-30 ta' Ottubru, 1991 u wara li l-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appelli Kriminali, fuq rikors ipprezentat fil-5 ta' Dicembru, 1991, estendiet iz-zmien ghat-twaqqih b'xahrejn fuq it-30 ta' Dicembru, 1991, hu naqas li jaghmel dan u ghalhekk hija mitluba s-somma ta' tlieta u sittin elf u seba` mitt lira Maltin (Lm63,700) ta' 2548 gurnata mill-1 ta' Marzu, 1992 sas-7 ta' Ottubru, 2000 favur il-Gvern ta' Malta salv penali ohra ulterjuri.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex tordna lill-hati jottempora ruhu mal-ligi minnufih u cioe` li jwaqqa' dan il-bini u fin-nuqqas isir mill-Pulizija ghal spejjez tal-hati.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat illi mill-provi kollha prodotti jirrizulta illi l-imputat kien misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fid-29 ta' Marzu, 1989 talli ghamel kostruzzjoni bla permess kif jidher fl-att ta' l-akkuza; huwa appella minn din id-decizzjoni u fis-7 ta' Jannar 1991 l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell iddecidiet illi l-appellant kellu ragun f'dik il-parti ta' l-Appell tieghu meta ilmenta illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma ipprofondietx l-eccezzjoni tieghu li hu ta kwantu li ma kienx is-sid ta' l-art u fuq l-istess art ma sar ebda bini.

Il-Qorti ta’ l-Appell ghalhekk sabet illi ai termini ta’ l-artikolu 428 tal-Kap 9, kien hemm ksur ta’ formalita’ sostanzjali u ghalhekk iddecidiet billi hassret is-sentenza appellata u ai termini ta’ l-artikolu fuq citat ordnat it-trattazzjoni tal-kawza quddiemha. In effett il-kawza kienet trattata mill-gdid quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali bi smiegh ta’ xhieda opportuni.

Wara sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell, l-appellant intavola rikors fil-5 ta’ Dicembru 1991 fejn talab estensjoni taz-zmien impost mill-Qorti ghat-twaqqiegh tal-bini illegali wara li ddikjara li ma setax jottempora ruhu minhabba il-kundizzjoni hazina ta’ l-art kawzata mix-xita. Dan ir-rikors kien sar wara li l-imputat appellant iddikjara li hu mhux sid l-art u qatt ma sar bini fuq l-istess art.

Wara li kienet trattata l-kawza u wara li saru sottomissjonijiet finali l-Qorti ta’ l-Appell iddecidiet fit-30 ta’ Ottubru 1991 billi ikkonfermat is-sentenza appellata u ordnat it-twaqqiegh tal-bini fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza. F’dan l-istadju, din il-Qorti ma tistax tinjora s-sitwazzjoni fejn hi rinfacjata b’talba skond l-akkuza odjerna li tghid illi s-sentenza ghall-ordni ta’ twaqqiegh kienet konfermata mill-Qorti ta’ l-Appell kif fil-fatt hu u fl-istess waqt, kif jirrizulta mill-atti, l-istess Qorti ta’ l-Appell kienet irrevokat is-sentenza mertu tal-kaz in dizamina. Fil-verita` kien jispetta lid-difiza tissolleva dan l-ekwivoku u mhux thalli kollox f’idejn il-Qorti biex tezamina u tiddeciefra l-atti kollha. Minkejja dan, din il-Qorti hi tal-fehma illi la darba s-sentenza in kwistjoni kienet revokata bi provediment tal-Qorti ta’ l-Appell tas-7 ta’ Jannar, 1991, l-istess Qorti ta’ l-Appell iddecidiet li tisma’ l-provi mill-gdid u titratta l-kaz hi. Kif gia` spjegat jirrizulta illi minflok li l-Qorti ghaddiet ghas-sejbien ta’ htija jew liberatorja bhala process teknikament gdid, ikkonfermat is-sentenza gia dikjarata revokata fi stadju aktar bikri ta’ l-Appell. Kwindi din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel sentenza ghaddiet in gudikat bhala sentenza revokata u kwindi inezistenti la darba kolpita bil-provvediment ta’ l-artikolu 428 tal-Kap 9.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur